# SAĦĦARA

Lil ħabibi Ġużè Cassar Pullicino,
li bħali sar iħobb joħlom bil-
ħrejjef tas-sħaħar.

*Kont ħlomtok wiċċ ta' xiħa*
*b'ħalqek*
*jidħak b'żewġ sinniet,*
*ħofriet għajnejk*
*żewġ ħuġġieġiet*
*ġo sħab ta' biża' tarmi daħna u riħa.*

*Kont ħlomtok wiċċ ta' xiħa*
*b'subgħajn*
*imkemmxa u dwiefer twal irqaq*
*ta' seqer kiefer*
*tmexmex l-għadam u xxomm*
*tad-demm il-fwieħa:*

*l-għadam ta' tfal imsemmna*
*ġewwa qafas*
*tal-ħadid—ta' tfal misruqa*
*mill-għafrid*
*li bih beżżgħuna tfal għax jixrob demmna!*

*B'għajnejn imberrqa smajna*
*minn fomm*
*ix-xwejħa l-ġrajja tiegħek, ja saħħara,*
*u ħajja*
*fi ċkunitna xbihatek f'moħħna drajna.*

*Rajtek f'għorfa mudlama*
*b'dawl*
*inemnem ta' musbieħ u fost l-agħjat,*
*twerżiq ta' riħ*
*taqra fl-idejn: u taqta' u tqawwi t-tama.*

*Rajtek fil-moħħ maħżuża*
*ta' l-aqwa*
*rjus kittieba*
*tiftaħ tal-mistur*
*il-bieba:*
*tixxandar bl-ikreh u l-egħref għaġuża!*

*Ġewwa l-għar fid-dlamijiet,*
*b'wiċċ*
*imdawwal min-nirien,*
*fl-inħasa ddewweb*
*ras u lsien*
*ta' nies li l-frugħa ta' dil-ħajja nsiet.*

*Iżda wkoll f'dik l-inħasa*
*jiddewweb kollu semm,*
*bl-ilsna ta' bosta sriep, kien hemm*
*id-demm*
*ta' dik li jien ħabbejt, — u qalbha u rasha.*

A. CREMONA.